**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR GIOVANNI GRIXTI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 04 ta' Ottubru 2023**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 17/2017**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Darren Debono**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-akkużi miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 17 tal-2017 kontra Darren Debono detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 247477(M) akkużat:

**Fl-Ewwel Kap** talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), bħala ko-awtur ikkometta tentattiv ta' serq u dan billi wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku ġie kommess kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza (tentattiv t'omiċidju/sekwestru ta' persuna, iktar minn żewġ persuni u/jew użu ta' armi), mezz (tibdil fil-wiċċ u sura, libes maskra, imfietaħ foloz) valur (li jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jezorbita l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;.

**Fit-Tieni Kap** talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), bħal ko-awtur ikkometta tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;.

**Fit-Tielet Kap** talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuni kontra l-volonta tagħhom, jew ta l-post biex fih dawn il-persuni jiġu arrestati, miżmuma jew issekwestrati, b'dan illi il-persuni arrestati, miżmuma jew issekwestrati ġew offiżi fuq il-persuna tagħhom jew mhedda bil-mewt u/jew id-dellitt ikun sar bilħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex il-persuni oħra jkunu mġiegħla jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta' ħwejjiġhom;

**Fir-Raba' Kap**, talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), bħala koawtur, uża vjolenza sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa;

**Fil-Ħames Kap**, talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), bħala koawtur, filwaqt li kien qed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna jew ta' serq, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari, jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawn loġġetti u dan mingħajr għan leġittimu;

**Fis-Sitt Kap**, talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), bħala koawtur, ġarr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-għata tagħha, jew li spara xi arma tan-nar, waqt li hija tkun inqas minn 200 metru minn xi belt jew raħal, jew żona abitata oħra jew f'medda ta' 50 metru minn toroq prinċipali jew arterjal;

**Fis-Seba' Kap**, talli bħala ko-awtur volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli fuq ilvann tas-sigurta' Fiat Ducato, bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE137, b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69);

**Fit-Tmien Kap**, talli bħala ko-awtur volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli senjatament karrozza tal-għamla Volkswagen Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni FIO228, b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69);

**Fid-Disa' Kap**, talli bħala ko-awtur volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli senjatament vann Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni CAF197, b'dan li l-ammont 13 tal-ħsara jiskorri l-mija u sittax l-Euro u s-sebgħa u erbgħin ċentezmu (116.47) iżda ma kienx jiskorri l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69);

**Fl-Għaxar Kap**, talli bħala ko-awtur volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli senjatament Toyota Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni KBF498, b'dan li l-ammont talħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69);

**Fil-Ħdax-il Kap**, talli bħala ko-awtur volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli senjatament vettura tal-għamla Ford Ka bin-numru ta' reġistrazzjoni VEE078 b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri l-mija u sittax l-Euro u s-sebgħa u erbgħin ċentezmu (116.47) izda ma tiskorrix l-elf mija u l-erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

**Fit-Tnax-il Kap**, talli bħala ko-awtur volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, senjatament panel van tal-għamla Toyota Hilux bin-numri ta' reġistrazzjoni BBL081, b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda ikun iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

**Fit-Tlettax-il Kap**, bħala ko-awtur volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, senjatament gaffa tal-għamla Mitsubishi WST200, b'dan li l-ammont tal-ħsara ma 18 jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda ikun iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

**Fl-Erbatax-il Kap**, talli bħala ko-awtur volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, 19 senjatament vann tal-

għamla Toyota Liteace bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF219, b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

**Fil-Ħmistax-Il Kap**, talli bħala ko-awtur, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, 20 senjatament vettura tal-għamla Hyundai Accent bin-numru ta' reġistrazzjoni AAB449, b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda ikun iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

**Fis-Sittax-il Kap**, talli bħala ko-awtur żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr arma tan-nar jew munizzjon barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu u dan mingħajr liċenza talKummissarju tal-Pulizija.

**Fis-Sbatax-il Kap**, talli bħala ko-awtur fil-5 ta' Ottubru, 2006 bejn id-9:30am u 12:45pm minn Triq il-Vitorja, Ħamrun, ikkometta serq ta' mutur Piaggio, bin-numru ta' reġistrazzjoni DBF915, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Michael Vella u/jew persuni oħra.

**Fit-Tmintax-il Kap**, talli bħala ko-awtur bejn it-13 u l-15 ta' Settembru 2008, mill-fabbrika J&A Bonnici Ltd, fil-Qasam Industrijali, Kordin, limiti ta' Raħal Ġdid, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Isuzu NKR, bin-numru ta' reġistrazzjoni GBB521, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bixxorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' J&A Bonnici Limited.

**Fid-Dsatax-il Kap**, talli bħala ko-awtur fit-30 ta' Ottubru, 2008, għal-ħabta tas-1:15pm, minn Triq il-Wied, Balzan, ikkometta serq ta' vettura talgħamla Peugeot 106, bin-numru ta' reġistrazzjoni BAD182, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 kif ukoll jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin 25 Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Margaret Abela u/jew persuni oħra.

**Fl-Għoxrin Kap**, talli bħala ko-awtur fl-4 ta' Novembru 2008, bejn l-4:45pm u 5:45pm minn Triq Birbal, Balzan, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Toyota Corsa, bin-numru ta' reġistrazzjoni KBF498, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu -

€232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Etienne Xuereb u/jew ta' xi persuna jew entita oħra;

**Fil-Wieħed u Għoxrin Kap**, talli bħala ko-awtur fit-13 ta' Mejju 2009, bejn il-11am u 12:45pm minn Triq il-Vitorja, Qormi, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Toyota Liteace, bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF219, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Gordon Micallef u/jew ta' xi persuna jew entita oħra;

**Fit-Tnejn u Għoxrin Kap**, talli bħala ko-awtur bejn l-ewwel (1) u t-tieni (2) jum ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa, minn Triq il-Madonna tal-Ġebla, Gżira, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Toyota Liteace, bin-numru ta' reġistrazzjoni BBL081, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), bixxorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin, liema serqa saret a detriment ta' Joseph Borg u/jew persuna u/jew entita oħra.

**Fit-Tlieta u Għoxrin Kap**, talli bħala ko-awtur fil-wieħed u tletin (31) jum ta' Lulju, tas-sena elfejn u disgħa (2009) bejn it-3:30pm u l-5:15pm minn Vjal l-Indipendenza, Zurrieq, ikkometta serq ta' mutur Typhoon, bin-numru ta' 30 reġistrazzjoni FAF062, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Dylan Caruana u/jew persuna jew entita oħra;

**Fl-Erbgħa u Għoxrin Kap**, talli bħala ko-awtur bejn il-ħames (5) u s-sitt (6) jum tas-sena elfejn u disgħa (2009), minn ġewwa razzett bl-isem Santa Marija, Binġemma, limiti tal-Imġarr, ikkometta serq ta' gaffa tal-għamla Mitsubishi, bin-numru ta' reġistrazzjoni JBI289, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), bixxorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin, liema serqa saret a detriment ta' David Bugeja u/jew persuna jew entita oħra.

**Fil-Ħamsa u Għoxrin Kap,** talli bħala ko-awtur bejn is-sitta u għoxrin (26) u s-sebgħa u għoxrin (27) jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), minn Triq Efesu, San Pawl il-Baħar, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Toyota Dyna, bin-

numru ta' reġistrazzjoni HBA802, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin, liema serqa saret a detriment ta' Riad Khatib u/jew persuna u/jew entita oħra;

**Fis-Sitta u Għoxrin Kap**, talli bħala ko-awtur bejn it-tmienja u għoxrin (28) u d-disgħa u għoxrin (29) jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), minn Triq is-Sindku P. Vella, Żebbuġ, ikkometta serq ta' Mitsubishi Chassis Cab, binnumru ta' reġistrazzjoni CAF197, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li 34 jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi lammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin, liema serqa saret a detriment ta' Joe (Joseph) Camilleri u/jew persuna u/jew entita oħra;

**Fis-Sebgħa u Għoxrin Kap**, talli bħala ko-awtur fl-għoxrin (20) jum ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) bejn is-2:15pm u t-3:15pm minn Triq San Anard, Zabbar, ikkometta serq ta' par tarek mill-vettura Ford Escort bin-numru ta 'reġistrazzjoni BAV516, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Giuseppe Maria Borg Grech u/jew persuna jew entita oħra;

**Fit-Tmienja u Għoxrin Kap**, talli bħala ko-awtur fir-raba (4) jum ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (2009), bejn it-3:30am u s-6:30am minn Triq ilQaddiefa, Marsa, ikkometta serq ta' par tarek mill-vettura Peugeot Partner bin-numru ta 'reġistrazzjoni BQZ221, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Carmel Camilleri u/jew persuna jew entita oħra;

**Fid-Disgħa u Għoxrin Kap**, talli bħala ko-awtur bejn l-għaxar (10) u l-ħdax (11) il-jum ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009), bejn it-8pm tal-10 ta' 38 Novembru 2009 u id-8:45am tal-11 ta' Novembru 2009, minn Triq Roger Debattista, Ħamrun, ikkometta serq ta' par tarek mill-vettura Toyota Ist bin-numru ta' reġistrazzjoni CBP547, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Claire Mifsud u/jew persuna jew entita oħra;

**Fit-Tletin Kap**, talli bħala ko-awtur bejn l-9:45pm, ta' nhar it-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) u l-10:30am tat-13 ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009), minn Triq Alwetta, Mosta, ikometta serq ta' par tarek mill-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni FRN171, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin (is-serq ġie kommess bil-lejl, bejn iżnul u t-tlugħ ix-xemx), li sar għad-dannu ta' Francesca Muscat u/jew persuna jew entita oħra;

**Fil-Wieħed u Tletin Kap**, talli bħala ko-awtur bejn is-1:00pm, ta' nhar it-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) u s-6:30am taddsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009), minn Triq Melita, Sliema, ikometta serq ta' par tarek mill-vettura Toyota Yaris bin-numru ta' reġistrazzjoni EBL831, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Alfred Del Volto Santo Sant Fournier u/jew persuna jew entita oħra;

**Fit-Tnejn u Tletin Kap**, talli bħala ko-awtur fir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u/jew fil-jiem/ġimgħat qabel dik id-data, 42 minn plot fi Triq it-Tiġrija, Marsa, ikometta serq ta' par tarek mill-vettura tal-għamla Hicom 160 bin-numru ta' reġistrazzjoni BBI975, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' John Cuschieri u/jew persuna jew entita oħra;

**Fit-Tlieta u Tletin Kap**, talli bħala ko-awtur sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' Mutur Piaggio Typhoon bin-numru FAF062 ma dawk tal-mutur Piaggio Typhoon misruqin bin-numru DBF915;

**Fl-Erbgħa u Tletin Kap**, talli bħala ko-awtur sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura Mistubishi L200 CAF197 ma dawk misruqa minn vettura Toyota Yaris EBL831;

**Fil-Ħamsa u Tletin Kap**, talli bħala ko-awtur sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura Isuzu NKR binnumru GBB521 ma dawk misruqa minn vettura Ford Escort bin-numruBAV516;

**Fis-Sitta u Tletin Kap**, talli bħala ko-awtur sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal 47 xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura Toyota Liteace binnumru LCF219 ma dawk misruqa minn vettura Hicom 160 bin-numru BBI975;

**Fis-Sebgħa u Tletin Kap**, talli bħala ko-awtur sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura Toyota Corsa binnumru KBF498 ma dawk misruqa minn vettura Toyota Ist bin-numru CBP547;

**Fit-Tmienja u Tletin Kap**, talli bħala ko-awtur sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura Peugeot 106 binnumru BAD182 ma dawk misruqa minn vettura Peugeot Partner bin-numru BQZ221;

**Fid-Disgħa u Tletin Kap**, talli bħala ko-awtur sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura Toyota Dyna binnumru HBA802 ma dawk misruqa minn vettura Toyota Vitz bin-numru FRN171;

**Fl-Erbgħin Kap**, talli bħala ko-awtur għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru DBF915 minflokk innumri oriġinali FAF062;

**Fil-Wieħed u Erbgħin Kap**, talli bħala ko-awtur għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru EBL831 minflokk innumri oriġinali CAF197;

**Fit-Tnejn u Erbgħin Kap**, talli bħala ko-awtur għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru BAV516 minflokk in-numri oriġinali GBB52;

**Fit-Tlieta u Erbgħin Kap**, talli bħala ko-awtur għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni

ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru BBI975 minflokk innumri oriġinali LCF219;

**Fl-Erbgħa u Erbgħin Kap**, talli bħala ko-awtur għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru CBP547 minflokk innumri oriġinali KBF498;

**Fil-Ħamsa u Erbgħin Kap**, talli bħala ko-awtur għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru BQZ221 minflokk in-numri oriġinali BAD182;

**Fis-Sitta u Erbgħin Kap**, talli bħala ko-awtur ħamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru FRN171 minflokk in-numri oriġinali HBA802;

**Fis-Sebgħa u Erbgħin Kap**, talli bħala ko-awtur nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma Triq is-Sebħ, Qormi, ikommetta serq ikkwalifikat bil-vjolenza (b'attentat ta' omiċidju, f'sekwestru ta' persuna u użu ta' armi), mezz (użu ta' balaklava), bilvalur (jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €2329.94) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura);

**Fit-Tmienja u Erbgħin Kap**, talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma Triq is-Sebħ, Qormi, bħala ko-awtur ikkometta tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar (Martin Gatt Dennis Attard), wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
Fid-Disgħa u Erbgħin Kap, talli bħala ko-awtur nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma triq is-Sebħ, Qormi, bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lillħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuni kontra l-volonta tagħhom, jew ta l-post biex fiħ dawn il-persuni jiġu arrestati, miżmuma jew issekwestrati, b'dan illi

il-persuni arrestati, miżmuma jew issekwestrati ġew offiżi fuq il-persuna tagħhom jew mhedda bil-mewt u/jew id-dellitt ikun sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex il-persuni oħra jkunu mġiegħla jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta' ħwejjiġhom;

**Fil-Ħamsin Kap**, talli bħala ko-awtur it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma triq is-Sebħ, Qormi, filwaqt li kien qed jagħmel reat volontarju kontra l- 64 persuna jew ta' serq, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari, jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti u dan mingħajr għan leġittimu;

**Fil-Wieħed u Ħamsin Kap**, talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma triq is-Sebħ, Qormi, bħala ko-awtur, uża vjolenza sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa;

**Fit-Tnejn u Ħamsin Kap**, talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma triq is-Sebħ, Qormi, bħala ko-awtur, ġarr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-għata tagħha, jew li spara xi arma tan-nar, waqt li hija tkun inqas minn 200 metru minn xi belt jew raħal, jew żona abitata oħra jew f'medda ta' 50 metru minn toroq prinċipali jew arterjali;

**Fit-Tlieta u Ħamsin Kap**, talli bħala ko-awtur nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma triq is-Sebħ, Qormi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara kien jiskorri l-mija u sittax punt sebgħa u erbgħin Euro (€116.47) iżda ma jiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69);
Fl-Erbgħa u Ħamsin Kap, talli bħala ko-awtur nhar is-sbatax (17) il-jum tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), minn Triq il-Ħandaq, Qormi, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Peugeot Partner, bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE013, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Pierre Farrugia u/jew persuna jew entita oħra;

**Fil-Ħamsa u Ħamsin Kap**, bħala ko-awtur talli fis-sbatax il-jum (17) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għal-ħabta tal-5:15pm u/jew fil-jiem ta' wara, f'dawn il-Gżejjer, ikkometta serq ta' oġġetti minn vettura tal-għamla Peugeot Partner, bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE013, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu -

€232.94 iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin 70 ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Pierre Farrugia u/jew persuni oħra;

**Fis-Sitta u Ħamsin Kap**, bħala ko-awtur talli bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) il-jum ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006), minn Triq Santa Margerita, San Gwann, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Peugeot 106, bin-numru ta' reġistrazzjoni EAK303, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), bixxorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin, liema serqa saret a detriment ta' Dennis Gatt u/jew persuna u/jew entita oħra;

**Fis-Sebgħa u Ħamsin Kap**, bħala ko-awtur talli fil-ħamsa u għoxrin (25) jum ta' Ġunju tas-sena elfejn u sitta (2006) bejn is-2:00am u d-9:45am minn Triq il-Kbira, Siggiewi, ikkometta serq ta' par tarek mill-vettura Skoda 120L bin- 73 numru ta 'reġistrazzjoni DAL623, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Mario Zammit u/jew persuna jew entita' oħra;

**Fit-Tmienja u Ħamsin Kap**, bħala ko-awtur talli fit-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) u/jew fil-jiem, ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel, minn għalqa fi Triq il-Wied, Iklin, ikkometta serq ta' par tarek mill-vettura Mercedes-Benz 200 bin-numru ta' reġistrazzjoni AAU561, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Alfred Galea u/jew persuna jew entita oħra;

**Fid-Disgħa u Ħamsin Kap**, bħala ko-awtur talli nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), ġewwa Ħal-Qormi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' Peugeot Partner binnumru GBE013 ma dawk misruqa mill-vettura Mercedes-Benz 200 bin-numru AAU561;

**Fis-Sittin Kap**, bħala ko-awtur talli nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), ġewwa Ħal-Qormi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, 77 jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' Peugeot 106 binnumru EAK303 ma dawk misruqa mill-vettura Skoda 120L bin-numru DAL623;

**Fil-Wieħed u Sittin Kap**, bħala ko-awtur talli nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), ġewwa Ħal-Qormi, għamel użu minn

numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni 78 ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru AAU561 minflokk in-numri oriġinali GBE013;

**Fit-Tnejn u Sittin Kap**, bħala ko-awtur talli nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), ġewwa Ħal-Qormi, għamel użu minn 79 numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru DAL623 minflokk in-numri oriġinali EAK303;

**Fit-Tlieta u Sittin Kap**, talli fir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) kif ukoll wara din id-data f'dawn il-gżejjer, appartjena għal-għaqda ta' żewġ persuni jew aktar li hija ġiet promossa, organizzata u ffinanzjata bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal zmien erba' snin jew iktar;

**Fl-Erbgha u Sittin Kap**, talli fir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) kif ukoll fit-tlieta u għoxrin (23) jum tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), kif ukoll fix-xhur u/jew snin ta' qabel dawn id-dati, f'dawn il-gżejjer, assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma jkunx dellitt taħt l-Att dwar l-Istampa.

2. Rat in-nota ta'l-eċċezzjonijiet ippreżentata mill-akkużat Darren Debono fit-08 ta' Jannar 2018.

**3**. Rat is-sentenzi preliminari mogħtija mill-Qorti Kriminali tas-26 ta' Mejju 2022, u tat-22 ta' Novembru 2022, li minnhom ma kien intavolat ebda appell.

**4.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Marzu 2023 li permezz tagħha l-eċċezzjoni preliminari bin-numru B(v) sollevata mill-akkużat kienet miċħuda.

**5.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-akkużat Darren Debono fit-12 ta' April 2023 fejn talab lil din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari

tal-appellant u tiddeċiedi illi l-eċċezzjoni mmarkata B(v) – dwar l-inammissibbilita' ta' evidenza – dwar Dr. Marisa Cassar u x-xogħol magħmul u ir-rapporti minnha mhejjija – għandha tiġi akkolta u konsegwentement tordna illi kwalsiasi informazzjoni, xhieda u riżultanzi ppreżentati minn Dott. Marisa Cassar matul dawn il-proċeduri għandhom jiġu sfilzati mill-atti, kif ukoll kwalsiasi referenza li tista' ssir għalihom waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

**6**. Rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentata fil-05 ta' Mejju 2023.

**7.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**8.** Semgħet trattazzjoni

**Ikkunsidrat:**

**9**. Illi dan l-appell huwa ċirkosikritt għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fejn din ċahhdet l-eċċezzjoni sollevata mill-appellant dwar l-inammissibbilita' bħala prova tar-rapporti u xiehda mogħtija mis-seroloġista Dr. Marisa Cassar miġjuba fil-kumpilazzjoni meta din l-espert kienet maħtura sabiex tagħmel eżamijiet għal presenza ta' DNA minn fuq kampjuni elevati minn diversi xeni tar-reat u mgħoddija lilha għall-analiżi. L-oġġezzjoni ventilata mill-appellant fir-rigward ta' din l-evidenza ddur madwar il-fatt illi meta saru dawn l-eżamijiet forensici l-laboratorju utiliżżat mill-espert ma kienx akkreditat kif meħtieġ llum bil-liġi fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31 u dan skont l-i*standards* internazzjonali kif imfassla fl-EN ISO/IEC 17025. Fil-fehma tal-appellant, għalhekk, ġaldarba l-eżamijiet forensiċi ma ilaħħqux dan il-grad ta' akkreditazzjoni allura l-prova li qed tfittex biex tagħmel il-Prosekuzzjoni hija difettuża u kwindi inammissibbli. Dan għaliex l-proċess ta' akkreditazzjoni jammonta għal reviżjoni u verifika tal-kapaċità teknika ta' laboratorju li jiċċertifika l-kompetenza tiegħu biex iwettaq testijiet u analiżi speċifiċi u għalhekk in-nuqqas ta tali akkreditar ifisser illi

qatt ma jista' jkun żgurat illi r-riżultanzi tal-analiżijiet forensiċi jilħqu il-livelli meħtieġa fil-liġi sabiex il-prova tkun waħda li tista' tistrieħ fuqha.

**10.** L-Avukat Ġenerali tilqa' għal dan l-appell meta tikkontendi illi d-Deċiżjoni Kwadru 2009/905/JHA trasposta fl-Avviż Legali 121 tal-2002 hija intiża sabiex tiġi stabbilita fiduċja reċiproka fil-validita' ta' metodi analitiċi utilizzati bejn l-istati membri tal-Unjoni Ewropeja. Ma hemm ebda obbligu ta' akkreditazzjoni, fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali, fir-rigward ta' laboratorji li qegħdin jespletaw xi inkarigu f'dak l-istat internament. Tant hu hekk illi r-regolament 6 jipprovdi espressament illi l-liġi regolanti l-akkreditazzjoni hija mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dritt dwar il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza.

**11.** Illi l-Qorti Kriminali kkonkludiet is-segwenti fir-rigward tal-eċċezzjoni sollevata mill-appellant:

> **"Illi permezz ta' Council Framework Decision 2009/905/JHA datata 30 ta' Novembru 2009 bl-isem ta'** ***on Accreditation of Forensic service providers carrying out Laboratory Activities u Regulation [EC] No 765/2008 of the European Parliament and the Council setting out the requirements for accrediation and market surveillance relating to the marketing of products*** **datata 9 ta' Lulju 2008 l-Istati Membri gew mituba illi r-rizultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servzzi forensici akkreditati fi Stat Membru wiehed jigu rikonoxxuti mill-awtoritajiet responsabbli ghall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bhala ugwalment affidabbli daqs ir-rizultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensici akkreditati ghal-EN ISO/IEC 17025 fi hdan kwalunkwe Stat Membru iehor. Illi dan l-ghan jinkiseb billi jigi zgurat li l-fornituri ta' servizzi forensici li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jigu akkreditati minn korp ta' akkreditament nazzjonali bhala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025. L-ewwel Artikolu tad-Decizjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/GAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-Akkreditament tal-fornituri ta' servizzi forensici li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji datata 30 ta' Novembru 20094 jistipula s-segwenti:**
>
> > *'1. L-għan ta' din id-Deċiżjoni Qafas huwa li jiġi żgurat li rriżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stat Membru wieħed jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati*

> *kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati għall-EN ISO/IEC 17025 fi ħdan kwalunkwe Stat Membru ieħor.*
> *2. Dan l-għan jinkiseb billi jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jiġu akkreditati minn korp ta' akkreditament nazzjonali bħala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025.'*

**Id-Decizjoni Qafas tal-Kunsill hekk kif indikata *supra*, giet transposta fil-Ligi Maltija permezz tal-Ligi Sussidjarja 460.31 nhar id-29 ta' Marzu, 2016. Oltre minn hekk, Artikolu 2 tad-Decizjoni Qafas u Artikolu 3 tal-Ligi Sussidjarja sucitata, it-tnejn jipprovdu li d-Decizjoni Qafas tapplika ghall-attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi: (a) profil tad-DNA; u (b) data dattiloskopika. Artikolu 2 tal-Ligi Sussidjaraja jipprovdi illi filwaqt li profil tad-DNA tfisser** ***kodici b'ittri jew b'cifri li jirrappreżentaw sett ta' karatteristici ta' identifikazzjoni tal-parti mhux kodifikanti ta' kampjun analizzat ta' DNA uman, jiġifieri l-istruttura molekulari partikolari fid-diversi pożizzjonijiet (loci) tad-DNA, data dattiloskopika tfisser immagni ta' marki tas-swaba', immagni ta' marki tas-swaba' moħbijin, marki tal-pala tal-id, marki tal-pala tal-id moħbijin u mudelli ta' tali immaġni (dettalji żgħar kodifikati*);**

**In oltre, regolament 6 tal-Ligi Sussidjarja jiddisponi illi dan *"l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza,"* biex b'hekk l-ammissibbilita` o meno tal-prova li trid issir permezz tar-rizultanzi forsenici maghmula mill-espert, f'dan il-kaz Marisa Cassar, ghandha issir fit-termini tal-dritt penali fir-rigward.**

**...... Ili l-espert Dr Marisa Cassar kienet mahtura fl-Inkjesta dwar 'Hold up fi Triq is-Sebh, Qormi fuq il-vettura BAD863 u s-sejba ta'vann Peugeot GBT013 fi Triq ix-Xemxija, Marsa nhar it-23 t' Awwissu 2006'. Dr Cassar giet mahtura mill-Qorti sabiex taghmel analizi ta'komparazzjoni bejn zewg kampjuni TH1 u TH2 u l-kampjun orali tal-akkuzat Darren Debono. Dr Cassar gabret il-kampjuni tal-akkuzat minghand Dr Mario Scerri nhar it-23 ta' Lulju, 2013 u ghalhekk l-analizi minnha saru sussegwentament. Kapjun orali jaqa' fid-definizzjoni ta' profil ta' DNA u dan skond l-Artikolu 2 tal-A.L. 102 tal-2016 citata iktar il-fuq. Ir-rapport kompilat mill-espert Dr Marisa Cassar sar fis-sena 2013.**

**A fol. 348 tal-process, wiehed jista' jsib rapport iehor tal-espert Dr Marisa Cassar li jgib l-isem 'Inkjesta dwar sejba ta' karozza Peogeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni BQZ221 f'St. Joseph High Road, Hamrun, nhar il-11 ta' Dicembru, 2009'. Dan ir-rapport huwa datat il-11 ta' Jannar, 2012. Dr Cassar giet mghoddija kapjuni nhar is-6 ta' Frar, 2010 minghand PS 74 madankollu wara li ttiehdu d-DNA mill-kampjuni analizzati ma hareg l-ebda profil genetiku. Dr Cassar xehedet dwar dan nhar is-6 t' April, 2016.**

**Dr Marisa Cassar iddeponiet nhar il-11 ta' Gunju, 2014 fejn brevement mistoqsija kienitx dahlet fil-kaz ta' Darren Debono hija wiegbet illi din kienet inkjesta dwar holdup tal-HSBC fit-30 ta' Gunju, 2010. Hija qalet illi kienet nominata fl-inkjesta u kienet ghamlet xi analizi ta' DNA fuq affarijiet li gew mghoddija lilha. Hija kkonfermant illi kienet ghamlet xi ezamijiet ta' DNA. Gie esebit rapport iehor ta' Dr Cassar bl-isem <u>'Inkjesta dwar Hold up fuq l-HSBC, nhar it-30 ta' Gunju 2010'</u> u datat 28 ta' Settembru, 2010 fejn Dr Cassar kienet mahtura mill-Qorti sabiex taghmel analizi tad-DNA wkoll.**

**Nhar il-21 t' Awwissu 2014 xehedet ghal darb'ohra Dr Marisa Cassar fejn ipprezentat rapport dwar '<u>Inkjesta dwar attentat ta' 'Hold up' on Security Services Van fi Triq Hal Qormi, Santa Venera, nhar l-4 ta' Jannar, 2010</u>.' F'dan ir-rapport datat 17 ta' Settembru, 2010, Dr Cassar ukoll ghamlet analizi tad-DNA.**

**Dr Cassar xehdet dwar ir-rapporti taghha mill-gdid nhar is-6 t' April, 2016 u spjegat x'kien l-involviment taghha. Nhar il-11 t' Awwissu, 2021, Dr Cassar xehedet ghall-ahhar darba quddiem din il-Qorti fejn anke esebiet <u>*Accreditation Certificate* li jistipula b'mod car illi l-initial certificate issue date kienet l-20 t' April, 2007</u>. Hi fix-xhieda taghha wkoll ikkonfermat illi l-laboratorju taghha gie akkreditat fis-sena 2007. Dr Cassar kompliet sabiex tispjega illi kull sena l-laboratorju jkollu spezzjoni u wara kull spezzjoni johrog certifikat iehor, izda kull certifikat dejjem jipprovdi meta llaboratorju jkun gie ccertifikat l-ewwel darba. Min-naha l-ohra nhar it-8 ta' Frar, 2022 RPC 3094 Robert Scicluna xehed illi l-pajjiz kien *fully accredited* nhar it-30 ta' Novembru, 2015. Madankollu, jidher bic-car illi l-analizi kollha ndikati *supra* gew analizzati f'labortorju li kien akkreditat sa mis-sena 2007 u ghalhekk konformi mad-Decizjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905 GAI, il-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31 u l-istandards internazzjonali EN ISO/IEC 17025 stante li dawn gew fis-sehh wara din is-sena. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti ma tistax taqbel mal-argumenti mressqa mill-akkuzat."**

**12.** Illi minn qari tas-sentenza appellata jemerġu s-segwenti fatti probatorji:

i. L-analiżijiet li saru mill-espert seroloġista Dr. Marisa Cassar saru wara s-sena 2007.

ii. Illi fis-sena 2007 il-laboratorju utilizzat mill-espert sabiex tagħmel l-analiżijiet forensiċi mertu ta' din l-eċċezzjoni kien ġie akkreditat u dan b'mod komprensiv. Din iċ-ċertifikazzjoni ta' aderenza għall-I*standards* Internazzjonali ta' akkreditazzjoni baqgħet issir kull sena bl-aħħar waħda ssir fis-sena 2022.

iii. Illi id-dritt ewropew regolanti din l-akkreditazzjoni ġġib id-data tat-23 ta' Ġunju 2008. Il-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31 kienet promulgata bl-Avviż Legali 102 tal-2016 tad-29 ta' Marzu 2016.

**13**. Issa għalkemm huwa minnu illi ċertifikazzjoni dwar akkreditazzjoni huwa il-kejl li bih jista' jkun stabbilit illi laboratorju huwa kompetenti, madanakollu n-nuqqas ta' akkreditazzjoni ma jxejjinx awtomatikament l-evidenza miksuba. Illi tali apprezzament dwar is-saħħa probatorja ta' din l-evidenza għandha ssir unikament waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri għaliex huwa f'dak l-istadju illi din l-evidenza tinġieb 'il quddiem għall-konsiderazzjoni tal-ġurati u huwa biss f'dak l-istadju, allura, illi mix-xiehda tal-espert jista' jkun stabbilit jekk din l-evidenza setatx tkun ikkontaminata minħabba xi tagħmir inadegwat jew nuqassijiet fil-proċess utiliżżat biex isiru l-eżamijiet forensiċi. Illi l-liġi tipprovdi salvagwardja f'dan is-sens fl-artikolu 656 tal-Kodiċi Kriminali fejn hemm dispost illi *"min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu."*

**14**. U huwa għalhekk illi kemm id-Deċiżjoni Kwadru kif ukoll il-Leġislazzjoni Sussidjarji, fejn id-dritt ewropew kien tramandat fil-leġislazzjoni nazzjonali, jipprovdu illi dawn ir-regoli u regolamenti ma jistgħu qatt ikollhom piż fuq l-evalwazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza li ssir fil-qorti, kif sewwa mistqarr mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha. Dan għaliex l-għan wara il-liġi finalment huwa sabiex jgħin biex jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-laboratorji u korpi oħra billi jiġġenera aċċettazzjoni wiesgħa tar-riżultati bejn l-Istati Membri. Ir-rapporti tat-test u ċ-ċertifikati jistgħu jiġu aċċettati minn pajjiż għall-ieħor mingħajr il-ħtieġa għal aktar ittestjar, sabiex tintlaħaq dik il-koperazzjoni meħtieġa fil-ġlieda kontra l-kriminalita' fuq livell internazzjonali bil-għan li ssir l-identifikazzjoni komuni tal-persuni involuti fit-twettiq ta' tali reati u ta'l-vittmi tagħhom. Tant hu hekk illi id-Deċiżjoni Kwadru għandu l-għan jtejjeb il-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali kif jixhed it-titolu stess ta' din il-liġi.

**15.** Illi mill-esposizzjoni magħmula fis-sentenza appellata tar-rapporti imħejjija mill-espert seroloġista Dr. Marisa Cassar marbuta mar-reati li dwarhom l-appellant huwa mixli fid-diversi kapi tal-Att ta'l-Akkuża, jemerġi illi l-analiżijiet forensiċi minn din l-espert saru kollha wara s-sena 2007 minn liema sena, skont ix-xiehda tal-espert stess mogħtija quddiem il-Qorti Kriminali, l-laboratorju fejn saru l-eżamijiet kien akkreditat skont *standards* internazzjonali u baqa' jkun akkreditat fis-snin sussegwenti. Illi allura din il-Qorti qajla tista' tifhem l-oġġeżżjoni tal-appellant iktar u iktar meta l-liġi f'dak iż-żmien ma kenitx tenħtieġ din l-akkreditazzjoni bid-dritt ewropew ifassal dawn ir-regoli fis-sena 2008, liema regoli kienu trasposti mbagħad fil-liġi nazzjonali fid-29 ta' Marzu 2016. Dan qed jingħad ukoll fid-dawl ta' dak dispost fir-regolament 8(2) fejn jingħad testwalment:

> **(2) Dan l-Ordni ma jaffettwax il-validità, stabbilita skont ir-regoli nazzjonali applikabbli, tar-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, ukoll jekk il-fornitur ta' servizzi forensiċi ma kienx akkreditat bħala li jikkonforma mal-EN ISO/IEC 17025.**

**16**. Illi allura huwa evidenti li l-appellant m'għandux raġun fl-appell minnu ntentat u lanqas fl-eċċezzjoni minnu ventilata fir-rigward ta' dawn ir-rapporti forensiċi għaliex anke jekk, kif jikkontendi hu, l-pajjiż ġie *fully accredited* f' Novembru 2015, u dan skont ix-xiehda ta' RPC094 Robert Scicluna mogħtija quddiem il-Qorti Kriminali[1], dan il-fattur ma għandu ebda piż fuq il-validita' u l-istabbilita' tar-riżultati tal-eżamijiet li jsiru mill-fornituri tas-servizzi forensiċi li ma kenux akkreditati. **Iżda** jibqa' l-fatt illi l-laboratorju forensiku li minnu saru l-analiżijiet f'dan il-każ kien akkreditat skont l-Istandards EN ISO/IEC 17025 sa mill-20 ta' April 2007, li hija l-*Initial Certificate Issue Date*, u dan kif jirriżulta mid-Dokument MC eżebit a fol.85 tal-atti, sabiex ma hemm ebda dubbju illi l-laboratorju kien konformi ma' dawn l-i*standards* saħansitra qabel ma kien hemm ebda regoli ta' dritt regolanti dawn l-eżamijiet forensiċi f'ambitu internazzjonali. Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant ċertament ma jistħoqqlux akkoljiment.

---

[1] Fol.101 tal-atti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. Tibgħat l-atti lura lil Qorti Kriminali sabiex ikompli is-smigħ tal-każ skont il-liġi.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**